L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2025 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | I |
| DATE: | 24th May 2025 |
| TIME: | 9:00 a.m. to 12:05 p.m. |

## THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: THE BIBLE

1. Chapters 2 and 3 of the Book of Genesis present the Bible's second creation narrative, offering insights into humanity's relationships with one another, creation and God. Discuss.

2. The Babylonian Exile was a pivotal moment in the history, theology and literary activity of ancient Israel, strengthening the identity and hope of the chosen people of God. Discuss.

3. In the Gospel of John, one finds various signs that Jesus performed. Discuss **FOUR** of these signs and explain their significance in the context of this Gospel.

4. The resurrection was initially announced to women and then to the other disciples. Explore this in the context of the four Gospels.

### SECTION B: THE CREED

5. "Faith is a gift, the fruit of the Spirit's presence in us, but it is also a task to be undertaken freely, in obedience to Jesus' commandment of love" (*Pope Francis, Message for the World Day of Creation 2024*). Discuss.

6. At the Council of Nicaea, bishops united to reaffirm their faith in response to factions diverging from shared beliefs, emphasising unity over division. Elaborate on this and on the Council's importance for the Church.

7. Liturgical prayers often conclude with the phrase, "Through our Lord Jesus Christ." The name "Jesus" holds a central place in liturgy, embodying both His identity and mission, as well as His role in reconciliation and salvation. Discuss.

8. "The result will be that, little by little, as the obstacles to perfect ecclesiastical communion are overcome, all Christians will be gathered, in a common celebration of the Eucharist, into the unity of the one and only Church in that unity which Christ bestowed on His Church from the beginning" (*Unitatis Redintegratio*, 4). Discuss.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 24 ta' Mejju 2025 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m. |

## L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

### TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. Il-Kapitli 2 u 3 tal-Ktieb tal-Ġenesi jippreżentaw it-tieni narrattiva tal-Bibbja dwar il-ħolqien u joffru għarfien dwar ir-relazzjonijiet tal-bnedmin ma' xulxin, mal-ħolqien u m'Alla. Iddiskuti.

2. L-Eżilju tal-Babilonja kien mument kruċjali fl-istorja, fit-teoloġija u fl-attività letterarja ta' Iżrael tat-Testment l-Antik, u saħħaħ l-identità u t-tama tal-poplu magħżul ta' Alla. Iddiskuti.

3. Fl-Evanġelju ta' San Ġwann, wieħed isib diversi sinjali li wettaq Ġesù. Iddiskuti **ERBGĦA** minn dawn is-sinjali u s-sinifikat tagħhom f'dan l-Evanġelju.

4. It-tħabbira tal-qawmien l-ewwel saret lin-nisa u mbagħad lid-dixxipli l-oħra. Iddiskuti dwar dan fil-kuntest tal-erba' Evanġelji.

### TAQSIMA B: IL-KREDU

5. "Il-fidi hija don, frott tal-preżenza tal-Ispirtu s-Santu fina, imma hija wkoll impenn li għandha titwettaq b'mod ħieles, b'ubbidjenza għall-kmandament tal-imħabba ta' Ġesù" (*Papa Franġisku, Messaġġ għall-Jum Dinji tat-Talb għar-Rispett tal-Ħolqien 2024*). Iddiskuti.

6. Fil-Konċilju ta' Niċea, l-isqfijiet ingħaqdu sabiex jaffermaw il-fidi tagħhom b'reazzjoni għal ideat differenti mit-twemmin komuni, u enfasizzaw l-għaqda u mhux il-firda. Elabora fuq dan u fuq l-importanza ta' dan il-Konċilju għall-Knisja.

7. It-talb liturġiku ta' spiss jispiċċa bil-frażi, "Bi Kristu Sidna." L-isem "Ġesù" għandu post ċentrali fil-liturġija. Dan l-isem jgħaqqad kemm l-identità u l-missjoni Tiegħu, kif ukoll l-irwol Tiegħu fir-rikonċiljazzjoni u s-salvazzjoni. Iddiskuti.

8. "B'hekk, bil-mod il-mod, wara li jkunu megħluba l-ostakoli kollha li qegħdin ifixklu l-komunjoni ekkleżjali perfetta, l-Insara kollha għad jingħaqdu f'ċelebrazzjoni waħda tal-Ewkaristija u fl-unità tal-Knisja waħda u waħdanija, f'dik l-unità li Kristu sa mill-bidu ta lill-Knisja tiegħu" (*Unitatis Redintegratio*, 4). Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE EXAMINATIONS BOARD

**ADVANCED MATRICULATION LEVEL**
**2025 FIRST SESSION**

| | |
|---|---|
| SUBJECT: | **Religious Knowledge** |
| PAPER NUMBER: | II |
| DATE: | 24th May 2025 |
| TIME: | 4:00 p.m. to 7:05 p.m. |

## LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

### SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. Describe the importance of Sunday as the most special day in the liturgical week, highlighting its origins, together with its significance in the life and faith of the faithful.

2. "In the liturgical year the various aspects of the one Paschal mystery unfold. This is also the case with the cycle of feasts surrounding the mystery of the incarnation (Annunciation, Christmas, Epiphany). They commemorate the beginning of our salvation and communicate to us the first fruits of the Paschal mystery" (*CCC*, 1171). Discuss.

3. "The sacraments are efficacious signs of grace, instituted by Christ and entrusted to the Church, by which divine life is dispensed to us" (*CCC*, 1131). Discuss how the sacraments are not merely individual encounters with grace but also communal and ecclesial actions.

4. Marriage and Holy Orders are sacraments at the service of communion and mission. Elaborate.

### SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. The Beatitudes present a radical vision of Christian discipleship, challenging worldly values and offering a path to true happiness in the Kingdom of God. Discuss the significance of the Beatitudes, exploring their relevance for contemporary Christian life and their call to personal and social transformation.

6. The Catholic Church teaches that every human being is created in the image and likeness of God, possessing an inherent dignity that forms the foundation of human rights and moral responsibilities. Discuss the Catholic understanding of the dignity of the person, explaining its theological basis, its implications for social justice, and its relevance in addressing contemporary ethical challenges.

7. The Catholic Church teaches that human sexuality is a gift from God, deeply connected to the dignity of the person and the call to love. Discuss.

8. Peace is not merely the absence of war but the work of justice and love. Discuss the Catholic principles of peace, their theological foundations, and how they inform individual and societal responsibilities in promoting a just and peaceful world.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

**LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA**
**L-EWWEL SESSJONI 2025**

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **It-Tagħlim Reliġjuż** |
| KARTA NUMRU: | II |
| DATA: | 24 ta' Mejju 2025 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

# IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

## TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Iddeskrivi l-importanza tal-Ħadd bħala l-aktar jum speċjali fil-ġimgħa liturġika. Tkellem dwar l-oriġini tiegħu flimkien mas-sinifikat tiegħu fil-ħajja u l-fidi tal-fidili.
2. "Is-sena liturġika tiżviluppa aspetti diversi tal-misteru waħdieni tal-Għid. Dan jgħodd l-aktar għaċ-ċiklu tal-festi tal-misteru tal-Inkarnazzjoni (Tħabbira tal-Mulej, Milied, Epifanija), li jfakkru l-bidu tas-salvazzjoni tagħna, u jagħtuna l-ewwel frott tal-Misteru tal-Għid" *(KKK,* 1171*)*. Iddiskuti.
3. "Is-sagramenti huma sinjali li jagħtu tassew il-grazzja, istitwiti minn Kristu u fdati lill-Knisja, li bihom tingħatalna l-ħajja t'Alla." *KKK,* 1131). Iddiskuti kif is-sagramenti mhumiex biss esperjenzi personali tal-grazzja t'Alla iżda wkoll azzjonijiet komunitarji u ekkleżjali.
4. Iż-Żwieġ u l-Ordni Sagri huma sagramenti għas-servizz tal-komunjoni u l-missjoni. Elabora.

## TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. Il-Beatitudnijiet jagħtu viżjoni radikali tad-dixxipulat Nisrani, jisfidaw il-valuri tad-dinja u joffru triq għall-ferħ vera fis-Saltna t'Alla. Iddiskuti s-sinifikat tal-Beatitudnijiet, billi tesplora r-rilevanza tagħhom fil-ħajja Nisranija kontemporanja u s-sejħa tagħhom għat-trasformazzjoni personali u soċjali.
6. Il-Knisja Kattolika tgħallem li kull bniedem hu maħluq xbieha ta' Alla, u għandu dinjità intrinsika li fuqha huma mibnija d-drittijiet tal-bniedem u r-responsabbiltajiet morali. Iddiskuti t-tagħlim Kattoliku fuq id-dinjità tal-persuna billi tispjega l-bażi teoloġika tiegħu, l-implikazzjonijiet tiegħu għall-ġustizzja soċjali, u r-rilevanza fid-dawl tal-isfidi etiċi kontemporanji.
7. Il-Knisja Kattolika tgħallem li s-sesswalità umana hija don mingħand Alla, marbuta mill-qrib mad-dinjità tal-persuna u mas-sejħa għall-imħabba. Iddiskuti.
8. Il-paċi mhix biss in-nuqqas ta' gwerra, iżda hija frott il-ġustizzja u l-imħabba. Iddiskuti l-prinċipji Kattoliċi dwar il-paċi, il-bażi teoloġiċi tagħhom, u kif dawn isawru r-responsabbiltajiet individwali u tas-soċjetà fil-promozzjoni ta' dinja ġusta u paċifika.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.